MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tal-31 ta' Lulju, 2008

Appell Kriminali Numru. 46/2008

**Il-Pulizija**
**(Spt. T. Sciberras)**
**Vs**
**Alfio Attard**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja talli f'dawn il-Gzejjer fil-lejl ta' bejn l-ghaxra ta' Lulju 2006 w il-hdax ta' Lulju 2006, bejn d-disgha ta' filghaxija w s-saghtejn ta' filghodu, gewwa l-Mosta,

1. minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed l-hajja ta' Charles Ebejer f'perikolu car, izda bil-hsieb li jikkagunalu hsara fil-gisem u/jew fis-sahha u/jew igiblu disordni fil-mohh, wera dan il-hsieb b'atti esterni w ta bidu ghal esekuzzjoni ta' dan d-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta' tieghu;

2. talli fl-istess jum, hin, lok u cirkostanzi, voluntarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku;
3. talli fil-Belt Valletta fl-istess jum, attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew hebb kontra PS 455 Emanuel Sammut u cioe' persuna nkarigata skond l-ligi minn servizz pubbliku filwaqt li kienet qed tagixxi ghal ezekuzzjoni tal-ligi jew ta ordni moghti skond l-ligi mill-awtorita' kompetenti;
4. talli fl-istess jum, hin, lok u cirkostanzi, meta kien fil-pubbliku qal xi kliem oxxen jew indecenti li kien wkoll jikkonsisti f'dagha;
5. talli fl-istess jum, hin, lok u cirkostanzi, m'obdiex l-ordnijiet legittimi ta' pesuni nkarigati minn servizz pubbliku u cioe' PS 455 Emanuel Sammut u PC 926 Lawrence Azzopardi, jew ma hallihomx jew fixkilhom waqt li kienu qed jghamlu dmirhom jew b'mod iehor, bla jedd, indahal fi dmirhom, billi ma halliex lil haddiehor jaghmel dak li b'ligi jkun ordnat jew jista jaghmel jew billi gab fix-xejn jew hassar dak li haddiehor ikun ghamel skond l-ligi jew b'xi mod iehor;
6. talli fl-istess jum, hin, lok u cirkostanzi, voluntarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku;
7. talli fl-istess jum, hin, lok u cirkostanzi, hebb ghal Charles Ebejer;
8. talli fl-istess jum, hin, lok u cirkostanzi uza armi, strumenti jew ghodod ohra li ma jitqiesux bhala armi hlief meta fil-fatt jigu wzati ghal offiza u li jissejhu armi rregolari.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-15 ta' Frar, 2008, li biha, wara li rat l-artikoli 41(1)(a), 214, 216(1)(b), 221, 338(bb)(ee)(dd), 339(1)(b), 382A, 383, 384, 386, 412C, 17, 23, 31, 95(1)(a), 96 u 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll l-artikoli 6 u 51(7) tal-Kap. 480 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-appellant hati tal-akkuzi kollha kif dedotti fil-konfront tieghu w ikkundannatu ghal piena karcerarja ta' sena kif ukoll li jhallas multa ta' mitejn Euro (€ 200).
Il-Qorti ordnat il-konfiska tas-sikkina esebita bhala PS1 (Dok. KA 206/06) favur il-Gvern ta' Malta.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fl-20 ta’ Frar, 2008, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi ma ssibx htija fil-konfront ta’ l-appellant ghall-ewwel akkuza w t-tielet akkuza w tikkonferma htija fit-tieni, r-raba’ w l-hames akkuza w fin-nuqqas minhabba cirkostanzi tal-kaz inkluzi l-fedina penali ta’ l-appellant tissospendi l-piena karcerarja ghall-perjodu li l-Qorti joghgobha tiffissa skond l-Artikolu 28A tal-Kodici Kriminali.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant, fil-qosor, huma s-segwenti w cioe' :- li ma hemm ebda fatti li jikkontribwixxu prova minghajr dubju dettat mir-raguni ghall-ewwel akkuza dwar attentat ta' ferita gravi jew ferita hafifa kif hu akkuzat imma hemm dubju serju kemm verament persuna li f' xi mument kellha sikkina f' idejha, kif allegat, tista' b' xi mod twettaq xi forma ta' ferita meta baqghet f' distanza ta' aktar minn zewg piedi 'l boghod mill-persuna l-ohra u meta trid taghmel azzjoni ippreferiet taghti daqqa fil-wicc fil-konfront tal-persna aggredita. Li x-xhud ewlieni, l-kwerelant Charles Ebejer, jikkorrobora ezatt it-tezi difensjonali. Li l-Ewwel Qorti qatt ma setghet tasal sal-konvinciment morali biex issib il-htija fuq attentat ta' hsara fil-gisem jew fis-sahha jew iggib dizordni fil-mohh ta' Charles Ebejer ladarba ma gietx pruvata l-intenzjoni specifika mill-prosekuzzjoni. Li hemm ukoll dubju serju dwar ir-reat ta' attakk u rezistenza fil-konfront tas-Surgent PS 455 Emanuel Sammut.

Semghet it-trattazzjoni;

Rat l-ordni taghha biex il-kawza tigi rikjamata ghall-udjenza tal-lum ghas-sentenza;

Ikkonsidrat;

Illi l-aggravji tal-appellant jirrigwardaw l-apprezzament tal-provi li jinsabu traskritti fil-process. Issa hu principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti (kemm fil-kaz ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta' appelli minn verdetti w sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienetx ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha. Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni li l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni w konkluzzjoni (ara f'dan is-sens *"inter alia"* l-Appell Kriminali : **"Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et."** [12.5.94; **"Ir-Repubblika ta' Malta vs. George Azzopardi"** [14.2.1989]; **"Il-Pulizija vs. Carmel sive Chalmer Pace"** [31.5.1991]; **"Il-Pulizija vs. Anthony Zammit"** [31.5.1991] u ohrajn .)

Illi appropozitu , din il-Qorti tirriferi ghal dak li nghad minn LORD CHIEF JUSTICE WIDGERY fil-kawza **"R. v. Cooper**" ([1969] 1 QB 276) (in konnessjoni mal-artikolu tal-ligi Ingliza s. 2 (1) (a) tal-Criminal Appeal Act, 1968) :-

*"assuming that there was no specific error in the conduct of the trial, an appeal court will be very reluctant to interfere with the jury's verdict (in this case with the conclusions of the learned Magistrate) , because the jury will have had the advantage of seeing and hearing the witnesses, whereas the appeal court normally determines the appeal on the basis of papers alone . However, should the overall feel of the case – including the apparent weakness of the prosecution evidence as revealed from the transcript of the proceedings – leave the court with a lurking doubt as to whether an injustice may have been done, then , very exceptionally, a conviction will be*

*quashed.”* (Ara wkoll BLACKSTONE’S CRIMINAL PRACTICE (1991), p. 1392)

Illi fl-appell kriminali fil-kawza fl-ismijiet : **“Ir-Republika ta’ Malta vs. Ivan Gatt”,** deciza fl-1 ta’ Dicembru, 1994 inghad illi :-

*“Fi kliem iehor, l-ezercizzju ta’ din il-Qorti fil-kaz prezenti u f’kull kaz iehor fejn l-appell ikun bazat fuq apprezzament tal-provi, huwa li tezamina l-provi dedotti f’ dan il-kaz, tara jekk, anki jekk kien hemm versjonijiet kontradittorji – kif normalment ikun hemm – xi wahda minnhom setghetx liberament u serenament tigi emmnuta minghajr ma jigi vjolat il-principju li d-dubju ghandu jmur favur l-akkuzat u, jekk tali versjoni setghet tigi emmnuta w evidentement giet emmnuta…. , il-funzjoni , anzi d-dover ta’ din il-Qorti huwa li tirrispetta dik id-diskrezzjoni u dak l-apprezzament. Biex din il-Qorti, kif del resto gieli ghamlet – tiddisturba l-gudizzju … , trid tkun konvinta li l-istess ma setghux, taht ebda cirkostanza ragjonevoli, jaghtu affidament lill-versjoni minnhom emmnuta.”*

Illi dan ghaliex din il-Qorti bhala Qorti ta’ revizjoni ma tkunx semghet hi x-xiehda jixhdu *viva voce* kif tkun semghethom l-Ewwel Qorti, imma tkun qed toqghod biss fuq id-depozizzjonijiet traskritti u ghalhekk, fejn si tratta ta’ valutazzjoni ta’ kredibilita’ ta’ xhieda, l-Ewwel Qorti jkollha vantagg ghax tkun semghat ix-xiehda u rat il-komportament taghhom fuq il-pedana tax-xhieda.

Ghalhekk din il-Qorti ma tissostitwix id-decizjoni tal-Ewwel Qorti fuq apprezzament ta’ fatti anki jekk ma taqbilx maghha, jekk l-Ewwel Qorti setghet legalment u ragonevolment tasal ghal dik il-konkluzzjoni. Din il-Qorti pero’ taghmel ezami approfondit biex tara jekk l-Ewwel Qorti setghetx fuq il-provi li kellha tasal b’mod “*safe and satisfactory”* ghall-konkluzzjoni ta’ htija.

Issa mill-ezami akkurat u approfondit li ghamlet tal-provi din il-Qorti, huwa assodat li fil-lejl ta' bejn l-10 u l-11 ta' Lulju, 2006, kien inqala incident gol-club tal-bocci tal-

Mosta li fih, wara xi argument dwar il-politika, l-appellant kien xejjer daqqa f' wicc Charles Ebejer. Dan tal-ahhar mar minnufieh l-ghassa tal-Pulizija tal-Mosta w rraporta dan l-incident. Il-Pulizija marru il-club tal-bocci ma Ebejer u meta dan identifika lill-appellant bhala l-persuna li kienet aggredietu ftit tal-hin qabel, l-appellant skond PS 455 Emanuel Sammut, qabad lill-Ebejer minn ghonqu b' id wahda u b' id l-ohra qabad sikkina li kienet fil-vicin u ippuntaha lejn Ebejer. Hawn intervjenew il-Pulizija w meta marru ghal fuq l-appellant, dan rema' s-sikkina. L-appellant gie arrestat. Waqt l-arrest l-appellant ghamel rezistenza kontra l-membri tal-korp tal-Pulizija, tant li kellhom jimmanettjawh.

Ikkonsidrat;

Li l-ewwel aggravju tal-appellant hu li ma kellux jinstab hati ta' tentattiv ta' offiza fuq il-gisem ta' Charles Ebejer, sia ta' offiza gravi jew offiza ljevi. Illi mill-ezami tal-provi jidher li dak li wettaq l-appellant kien biss li ghamel *via di fatto* kontra Ebejer billi qabdu minn ghonqu w fl-istess hin qabad ukoll sikkina ghalih. Pero' ma jirrizultax li f' xi hin xejjirlu biha anzi kien hu stess li remiha fl-art meta marru fuqu l-Pulizija.

Illi jidher li l-att kommess mill-appellant kien principalment intiz biex ikun att intimidatorju kontra Ebejer u ma jirrizultax, minghajr dubju dettat mir-raguni li hu kellu l-intenzjoni li attwalment jaghti bis-sikkina lill-Ebejer. Il-fatt li hu rema s-sikkina w mhux ittiehditlu mill-Pulizija, huwa sintomatiku ta' dan. Umbaghad, anki kieku stess ghall-grazzja tal-argument l-appellant kellu intenzjoni specifika li jikkaguna offiza ta' natura gravi fuq Ebejer, il-fatt li kif resqu lejh il-Pulizija hu rema' s-sikkina fl-art, kien jammonta ghal "*voluntary desistance",* fejn allura, skond is-subinciz (1) (b) tal-artikolu 41 tal-Kodici Kriminali, meta l-hati jkun waqaf minn rajh milli jikkonsma d-delitt, jehel biss il-piena ghall-atti li jkun lahaq ghamel, jekk dawk l-atti jkunu jikkostitwixxu delitt skond il-ligi.

F' dan il-kaz indubbjament tkun tirrizulta l-kontravvenzjoni kontemplata fl-artikolu 339 (1) (b) li tikkonsisti filli persuna,

minghajr ma tidrob jew issawwat, taqbad armi kontra n-nies, apparti r-reat ta' hebb gja dedott kontra l-appellant fis-seba' imputazzjoni w r-reat kontra l-Ordinanza tal-Armi gja kontemplat fit-tmin imputazzjoni, imma mhux dak ta' tentattiv ta' offiza gravi jew hafifa.

Ghalhekk dan l-ewwel aggravju taht kull aspett jidher gustifikat u qed jigi akkolt.

Mhux l-istess pero' fir-rigward tal-aggravju dwar is-sejbien ta' htija tar-reat ta' attakk u rezistenza kontemplat fit-tielet imputazzjoni. Dan jirrizulta abbondantement pruvat u din il-Qorti, bhall-Ewwel Qorti, ma ghandha lanqas l-icken dubju li l-atti li ghamel l-appellant kienu jinkwadraw ruhom fl-elementi tar-reat ta' attakk u rezistenza. Ghalhekk dan l-aggravju qed jigi respint.

Illi ma hemm ebda aggravju dwar il-piena *"ut sic"* pero' in vista tal-konkluzzjoni raggunta minn din il-Qorti dwar in-nuqqas ta' htija tal-ewwel imputazzjoni, dan bil-fors irid ikun rifless fil-piena.

Ikkonsidrat;

Illi mill-fedina penali aggornata tal-appellant jirrizulta li hu kien diga nstab hati mill-inqas seba' darbiet ta' ksur tal-ligi f' reati li jvarjaw minn reati tat-traffiku, ksur tal-buon ordni, storbju li bih iddisturba l-mistrieh tan-nies bil-lejl u garr ta' arma (sikkina) minghajr licenzja ghal reati ferm aktar gravi ta' evazjoni ta' dazju taht il-ligi tad-Dwana, fejn addirittura darba minnhom si trattava ta' pistola w munizzjon u li ghalih gie kundannat sena prigunerija sospiza ghal sena w multa fid-19 ta' Novembru, 2003.

Jidher minn dan li l-appellant ihobb ifittex l-inkwiet, ihobb igorr u jkollu pussess ta' armi w munizzjon u li ma tghallimx mill-fatt li qabel ma kkommetta r-reati li taghhom ser jinstab hati kien diga’ nghata zewg sentenzi ta' prigunerija sospiza.

Din il-Qorti ghalhekk taqbel ma l-Ewwel Qorti li f' dan il-kaz hemm bzonn li l-appellant jiffaccja piena karcerarja

effettiva, partikolarment ghar-reat ta' attakk u rezistenza li tieghu nstab hati mill-Ewwel Qorti, li hu punibbli bil-piena ta' prigunerija minn erba xhur sa sena. Din il-Qorti bhall-Ewwel Qorti tara li dan ir-reat ghandu jigi trattat bis-serjeta' w bil-gravita' li jimmerita ghax il-membri tal-Korp tal-Pulizija mhux qeghdin hemm biex iservu ta' "*punching bag"* ghal kull min hu frustrat u ma jridx jigi migjub ghall-ordni minn min ghandu d-dover li jipprotegi l-ordni pubbliku.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti tiddisponi mill-appell billi tirriforma s-sentenza appellata billi fil-waqt li tikkonfermaha fejn sabet lill-appellant hati tat-tieni, t-tielet, ir-raba, l-hames, is-sitt, is-seba' w t-tmin imputazzjonijiet u fejn ikkundannatu ihallas multa ta' mitejn Ewro (E200), fejn ordnat il-konfiska tas-sikkina PS1 (Dok. KA 206/06), kif ukoll fejn astjeniet milli tiehu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni biex l-imputat appellant jigi kundannat ihallas l-ispejjez tal-perizji,  tirrevokaha fejn sabet lill-appellant hati tal-ewwel imputazzjoni ta' tentattiv ta' offiza gravi fuq il-persuna ta' Charles Ebejer u fejn ikkundannat lill-appellant ghal sena prigunerija w minnflok tiddikjara lill-appellant mhux hati ta' din l-imputazzjoni izda hati biss li fil-lejl ta' bejn l-ghaxra u l-hdax ta' Lulju, 2006, minghajr ma darab u sawwat lil Charles Ebejer, qabad arma kontra tieghu, bi ksur tal-artikolu 339 (1) (b) tal-Kodici Kriminali w tikkundannah piena komplessiva ghall-imputazzjonijiet kollha bl-assorbiment relattiv , ta' sitt (6) xhur prigunerija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------